



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.10.2019
COM(2019) 496 final

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea sabiex tingħata
assistenza lill-Greċja**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Din id-deċiżjoni tkopri l-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE) skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1212/2002 tal-11 ta' Novembru 2002¹ (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "ir-Regolament") għal ammont ta' EUR 4 552 517 biex tingħata assistenza lill-Greċja wara l-għargħar u d-diżastru tal-uqigħ tal-art li seħħew fl-2019. Din il-mobilizzazzjoni se tiġi ffinanzjata bis-sħiħ permezz tal-użu parzjali tal-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament li diġà ddaħħlu fil-baġit tal-2019 biex jiġu koperti l-ħlasijiet bil-quddiem, wara li minnhom jitnaqqas il-ħlas bil-quddiem li jammonta għal EUR 455 252. Għalhekk mhuwix meħtieġ baġit emendatorju.

2. INFORMAZZJONI U KUNDIZZJONIJET

Bejn it-23 u s-26 ta' Frar 2019 niżlet xita eċċezzjonalment qawwija u maltempata laqtet lil Kreta, partikolarment fil-parti tal-punent tal-gżira. L-għargħar u l-uqigħ tal-art li rriżultaw ikkawżaw mwiet ta' persuni u kellhom konsegwenzi diżastrużi għall-attivitajiet infrastrutturali u ekonomiċi, partikolarment fit-toroq u fl-agrikoltura.

- (1) Fil-15 ta' Mejju 2018 il-Greċja applikat għal kontribuzzjoni mill-FSUE, qabel l-iskadenza ta' 12-il ġimgħa minn meta ġiet irreġistrata l-ewwel ħsara. L-applikazzjoni ġiet ippreżentata bħala "diżastru naturali reġjonali" skont l-Artikolu 2(3) tar-Regolament.
- (2) Id-diżastru huwa ta' oriġini naturali u għaldaqstant jaqa' fl-ambitu tal-applikazzjoni tal-FSUE.
- (3) Il-Greċja stmat li l-ħsara diretta totali tammonta għal EUR 182,1 miljun. Il-ħsara kkawżata fi Kreta tirrappreżenta 2,1 % tal-PDG tar-reġjun ikkonċernat tar-reġjun ta' Kriti fil-livell NUTS 2 u għaldaqstant taqbeż il-limitu ta' EUR 129,8 miljun, jiġifieri 1,5 % tal-PDG reġjonali stipulat f'dan ir-Regolament.
- (4) Fl-applikazzjoni tagħha, il-Greċja talbet għal ħlas bil-quddiem kif stabbilit fl-Artikolu 4a tar-Regolament. Fid-19 ta' Lulju 2019, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2019) 5514 fejn allokat 10 % tal-ħlas bil-quddiem, li jammonta għal EUR 455 252, fuq il-kontribuzzjoni finanzjarja antiċipata mill-fond u mbagħad ħallsitha kollha kemm hi lill-Greċja.
- (5) Fl-applikazzjoni tagħhom, l-awtoritajiet Griegi ddeskrivew fid-dettall is-sitwazzjoni wara avveniment sever tat-temp u l-isforzi li saru biex jiġu assistiti n-nies milquta. Iċ-ċiklun, li laqat lill-Kreċja mit-23 ta' Frar wassal għall-għarqa ta' persuna f'nixxieġha u kkawża dannu serju l-aktar fid-distretti ta' Chania u Rethymnon fejn ġie rreġistrat l-akbar ammont kumulattiv ta' xita. Il-parti l-kbira tad-dannu ġie kkawżat fuq in-netwerk tat-toroq muniċipali u provinċjali inkluża l-Awtostrada tat-Tramunata ta' Kreta, fuq il-produzzjoni rurali tal-għelejjel u l-bhejjem, iżda anke fuq djar privati. Saret ħsara fuq seba' pontijiet filwaqt li pont minnhom waqa' għalkollox. Għadd kbir ta' uqigħ tal-art u siġar maqlugħa mblukkaw it-toroq u

¹ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1212/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 311, tal-14.11.2002, p. 3) kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 661/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 (ĠU L 189, tas-27.6.2014, p. 143).

qatgħu żoni sħaħ. L-erożjoni ħolqot problemi għall-imbankmenti u qerdet is-sistemi tad-dranaġġ. Għe kkważat ukoll dannu fuq in-netwerk tal-elettriku.

- (6) Il-Greċja qieset li l-ispiża tal-operazzjonijiet ta' emerġenza u rkupru eliġibbli skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament tammonta għal EUR 173,9 miljun u ppreżentata maqsuma skont it-tip ta' operazzjoni. L-akbar sehem (aktar minn EUR 145 miljun) jikkonċerna l-ispejjeż għar-restawr tal-infrastruttura tat-trasport (toroq u pontijiet), segwit mill-ispejjeż tal-operazzjonijiet tat-tindif ta' EUR 20 miljun.
- (7) L-awtoritajiet Griegi kkonfermaw li l-ebda kopertura tal-assigurazzjoni ma tagħmel tajjeb għall-ispejjeż eliġibbli.
- (8) Ir-reġjun milqut huwa parti mir-“reġjuni ta' tranżizzjoni” taħt il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (2014-2020). Fl-applikazzjoni tagħhom, l-awtoritajiet Griegi ma indikawx lill-Kummissjoni l-ħsieb tagħhom li jallokaw mill-ġdid il-fondi mill-programmi ta' Fondi SIE għall-miżuri tal-irkupru.
- (9) Il-Greċja ma attivatx il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili.
- (10) Fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskji tad-diżastri bħalissa ma hemm l-ebda proċedura ta' ksur għaddejja.
- (11) Fil-kuntest tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2007/60/KE dwar il-valutazzjoni u l-immaniġġjar tar-riskji tal-għargħar, tlestew l-azzjonijiet li ġejjin: Ir-Rapport ta' Valutazzjoni Preliminari tar-Riskju ta' Għargħar (ta' Marzu 2012), l-Identifikazzjoni ta' Żoni ta' Potenzjal ta' Riskju Għoli tal-Għargħar fl-14-il Distrett tal-Ilma tal-pajjiż u aġġornament tar-Rapport ta' Valutazzjoni Preliminari tar-Riskju ta' Għargħar (ta' Novembru 2012). Il-Valutazzjoni Preliminari tar-Riskju ta' Għargħar tal-baċir tax-xmara Evros ġie aġġornat (f'Novembru 2014). Il-Perikli ta' Għargħar u Riskji fir-rigward ta' 14-il Ġibjun tal-Ilma tal-Pajjiż (Marzu 2017) tlestew. Il-Pjan ta' Ġestjoni tar-Riskju tal-Għargħar ta' Korpi tal-Ilma kollha tal-pajjiż, fosthom il-Pjan ta' Ġestjoni tar-Riskju tal-Għargħar fil-Baċir tax-Xmara għal Kreta.

2.5 Konklużjoni

Minħabba r-raġunijiet stabbiliti hawn fuq, id-diżastru msemmi fl-applikazzjoni ppreżentata mill-Greċja jissodisfa r-rekwiżiti stabbilit fir-Regolament biex jiġi mmobilizzat il-FSUE.

3. FINANZJAMENT MILL-ALLOKAZZJONIJIET TAL-FSUE GĦALL-2019

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, EURATOM) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020² (minn issa 'l quddiem “ir-Regolament dwar il-QFP”), u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tiegħu, jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-FSUE, b'limitu massimu annwali ta' EUR 500 000 000 (prezzijiet tal-2011). Il-Punt 11 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni

² Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884).

f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba³ (IIA) jistabbilixxi l-modalitajiet għall-mobilizzazzjoni tal-FSUE.

Minħabba li s-solidarjetà kienet il-ġustifikazzjoni ċentrali għall-ħolqien tal-FSUE, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-ġhajjnuna mill-Fond jenħtieġ li tkun waħda progressiva. Dan ifisser li, skont Prattika Preċedenti, jenħtieġ li l-porzjon tal-ħsara li jaqbeż il-livell limitu ta' "diżastri naturali maġġuri" għall-mobilizzazzjoni tal-FSUE (jiġifieri 0,6 % tal-ING jew EUR 3 biljun fil-prezzijiet tal-2011, skont liema minnhom ikun l-iżgħar ammont) iwassal għal intensità ta' ġhajjnuna akbar mill-ħsara sal-livell limitu. Ir-rata applikata fil-passat biex jiġu definiti l-allokazzjonijiet għal diżastri maġġuri hija ta' 2,5 % tal-ħsara diretta totali taħt il-livell limitu, u 6 % għall-parti tal-ħsara 'l fuq minn dan. Għal diżastri reġjonali u diżastri aċċettati taħt id-dispożizzjoni ta' "pajjiż ġar", ir-rata hija ta' 2,5 %.

Il-kontribuzzjoni ma tistax taqbeż l-ispiża totali stmata tal-operazzjonijiet eliġibbli. Il-metodoloġija biex tiġi kkalkulata l-ġhajjnuna kienet imfassla fir-Rapport Annwali tal-2002-2003 dwar il-FSUE u aċċettata mill-Kunsill u mill-Parlament Ewropew.

Abbażi tat-talba mill-Greċja, il-kalkolu tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FSUE, fuq il-bażi tal-istima tal-ħsara diretta totali li ġiet ikkawżata, huwa kif ġej:

Stati Membri	Kwalifikazzjoni ta' diżastri	Ħsara diretta totali (miljun EUR)	Limitu massimu għal diżastri maġġuri (miljun EUR)	2,5 % tal-ħsara diretta sal-livell limitu (EUR)	6 % tal-ħsara diretta 'l fuq mil-livell limitu (EUR)	Ammont totali tal-ġhajjnuna proposta (EUR)	Ħlas bil-quddiem imħallas (EUR)
IL-GREĠJA	Reġjonali (L-Art. 2(3))	182,1	1 086,1	4 552 517	-	4 552 517	455 252
TOTAL						4 552 517	455 252

Skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament dwar il-QFP, l-ammont totali disponibbli għall-mobilizzazzjoni tal-FSUE fil-bidu tal-2019 kien ta' EUR 851 082 072, li hija s-somma tal-allokazzjoni tal-2019 ta' EUR 585 829 691, flimkien mal-allokazzjoni li kien għad fadal għall-2018 ta' EUR 265 252 381 li baqgħu ma ntefqux u li ġew riportati għall-2019.

L-ammont li jista' jiġi mobilizzat f'dan l-istadju tas-sena 2019 huwa ta' EUR 557 530 278. Dan jikkorrispondi għall-ammont totali disponibbli fir-rigward tal-mobilizzazzjoni tal-FSUE fil-bidu tal-2019 (EUR 851 082 072), wara li titnaqqas il-mobilizzazzjoni preċedenti⁴ (EUR 293 551 794). Skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament dwar il-QFP, 25 % tal-allokazzjoni oriġinali tal-2019 jenħtieġ li tinżamm sa Ottubru 2019. Madankollu, billi l-pagament lill-Greċja se jsir wara l-1 ta' Ottubru, id-dispożizzjoni ma tgħoddx f'dan il-każ.

Ammont li huwa disponibbli bħalissa taħt il-Fond ta' Solidarjetà:	
Allokazzjoni annwali għall-2019	EUR 585 829 691
Flimkien mal-ammont li ma ntefaqx mill-allokazzjoni għall-2018 riportata lejn l-2019	+ EUR 265 252 381
Mingħajr l-ammont mobilizzat għar-Rumanija, l-Italja u l-Awstrija (AB 3)	- EUR 293 551 794
Disponibbiltà TOTALI sa Diċembru 2019	EUR 557 530 278

³ ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

⁴ Testi adottati P9_TA-PROV(2019)0013 u P9_TA-PROV(2019)0014.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea sabiex tingħata assistenza lill-Greċja

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1024/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea⁵, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba⁶, u b'mod partikolari l-punt 11 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea ("il-Fond") għandu l-għan li jippermetti lill-Unjoni tirrispondi b'mod rapidu, effiċjenti u flessibbli għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza sabiex tintwera solidarjetà mal-popolazzjonijiet ta' reġjuni milquta minn dżastri naturali.
- (2) Il-Fond ma għandux jaqbeż l-ammont annwali massimu ta' EUR 500 000 000 (bil-prezzijiet tal-2011), kif stabbilit fl-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013⁷.
- (3) Fil-15 ta' Mejju 2019 il-Greċja ppreżentat applikazzjoni biex timmobilizza l-Fond, wara x-xita eċċezzjonalment qawwija u l-maltempata li laqtu lill-Kreta bejn it-23 u s-26 ta' Frar 2019 u wasslu għal għargħar u uqigħ tal-art.
- (4) L-applikazzjoni tal-Greċja tissodisfa l-kundizzjonijiet sabiex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja mill-Fond, kif stabbilit fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1024/2002.
- (5) Għaldaqstant il-Fond jenħtieġ li jiġi mobilizzat biex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja lill-Greċja.
- (6) Permezz tad-Deċiżjoni (UE) 2019/277 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸, il-Fond ġie mobilizzat sabiex jipprovdi s-somma ta' EUR 50 000 000 f'appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament għall-pagament ta' ħlasijiet bil-quddiem għas-sena finanzjarja 2019. Dawn l-appropriazzjonijiet intużaw biss b'mod limitat ħafna. B'konsegwenza ta' dan, hemm lok għall-finanzjament tal-ammont kollu għall-mobilizzazzjoni attwali

⁵ ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3.

⁶ ĠU C 373, 20.12.2013, p.1.

⁷ Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884).

⁸ ĠU L 54, 22.2.2019, p. 5.

permezz tar-riallokazzjoni tal-approprijazzjonijiet disponibbli għall-pagament tal-
ħlasijiet bil-quddiem fil-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2019.

- (7) Sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun il-ħin li jieħu l-Fond biex jiġi mobilizzat, din id-
Deċiżjoni jenħteġ li tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2019, il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni
Ewropea għandu jkun mobilizzat sabiex jipprovdi l-ammont ta' EUR 4 552 517 lill-Greċja,
f'approprijazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

L-ammont msemmi fl-ewwel paragrafu għandu jiġi ffinanzjat mill-approprijazzjonijiet
immobilizzati għall-pagament ta' ħlasijiet bil-quddiem fil-baġit tal-Unjoni għas-sena
finanzjarja 2019. L-approprijazzjonijiet disponibbli għall-pagament ta' ħlasijiet bil-quddiem
għandu jitnaqqas kif meħtieġ.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal
Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandha tapplika minn... [id-data tal-adozzjoni tagħha]**.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

** Id-data li trid tiddaħħal mill-Parlament qabel il-pubblikazzjoni fil-ĠU.